# IL-FINANZJAMENT TAN-NETWERKS TRANS-EWROPEJ

In-Netwerks Trans-Ewropej (TENs) huma parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea u parzjalment iffinanzjati mill-Istati Membri. L-għajnuna finanzjarja mill-UE sservi ta' katalista, peress li l-Istati Membri huma obbligati jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-finanzjament. Il-finanzjament tat-TENs jista' jiġi kkomplementat ukoll mill-Fondi Strutturali, mill-għajnuna tal-Bank Ewropew tal-Investiment jew minn kontribuzzjonijiet li jingħataw mis-settur privat. Fl-2013, bis-saħħa tal-istabbiliment tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ġiet introdotta riforma kbira fit-TENs.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

It-Titolu XVI tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li l-Artikolu 171 tiegħu jistipula li l-UE tista' tagħti l-għajnuna finanzjarja tagħha għall-proġetti ta' interess komuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti identifikati fil-linji gwida.

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010.

## L-OBJETTIVI

Il-kontribut għall-istabbiliment ta' Netwerks Trans-Ewropej fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni, permezz ta' appoġġ finanzjarju b'mira speċifika min-naħa tal-UE (3.5.1).

## IL-KISBIET

### A. Id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali għall-finanzjament ta' proġetti

B'mod ġenerali, il-finanzjament tal-UE serva ta' katalista għall-proġetti. Huma l-Istati Membri li għandhom jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-finanzjament, ħlief għall-għajnuniet tal-Fond ta' Koeżjoni, fejn tradizzjonalment il-kontribuzzjoni tal-UE kienet aktar sostanzjali.

L-ewwel prinċipji li jirregolaw il-finanzjament ġew stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej.

**1.** L-għajnuna tal-UE għall-proġetti ħadet forma waħda, jew aktar, minn dawn li ġejjin:

— il-kofinanzjament ta' studji relatati ma' proġetti u ma' miżuri oħra ta' assistenza teknika (b'mod ġenerali ma għandux ikun aktar minn 50 % tan-nefqa totali);

— kontribuzzjonijiet għal tariffi rigward garanziji ta' self mill-Fond Ewropew tal-Investiment jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

— sussidji tal-interessi fuq is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jew minn korpi finanzjarji pubbliċi jew privati oħrajn;

— għotjiet diretti għall-investimenti f'każi ġustifikati kif xieraq.

**2.** Il-kriterji tal-proġett li ġejjin ġew stabbiliti progressivament:

— l-għajnuniet tal-UE fil-każ tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija ma jistgħux jikkawżaw distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn in-negozji fis-settur ikkonċernat;

— il-proġetti jridu jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tan-netwerks;

— il-proġetti jridu jkunu ekonomikament vijabbli;

— il-maturità tal-proġett, u l-effett ta' stimolu mill-intervent tal-UE;

— l-effetti diretti u indiretti fuq l-ambjent u l-impjiegi, inkluż, b'mod progressiv, l-analiżi dejjem aktar kompluta tal-ispejjeż u l-benefiċċji (CBAs), l-analiżi tal-impatt ambjentali (AIAs), eċċ.;

— il-koordinazzjoni tal-iskedar tal-partijiet differenti tal-proġett, pereżempju f'każ li dawn ikunu proġetti transkonfinali.

Il-proġetti ffinanzjati kellhom ikunu konformi mal-liġi tal-UE u mal-politiki tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tal-ambjent, il-kompetizzjoni u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Ir-regolamenti suċċessivi li jistabbilixxu r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-UE introduċew sensiela ta' elementi ġodda, fosthom dawn li ġejjin:

— programmi pluriennali u annwali fl-oqsma tat-trasport u tal-enerġija għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-UE għall-proġetti magħżula;

— l-għajnuna tal-UE għall-istudji kienet limitata għal 50 %, irrispettivament mill-proġett, u l-għajnuna għal proġetti ta' prijorità fil-qasam tat-trasport kienet limitata għal bejn 10 % u 30 % (b'massimu ta' 30 % għas-sezzjonijiet transkonfinali ta' proġetti ta' prijorità);

— il-kapital ta' riskju kien inkluż u interkonness bħala parti mill-għajnuna finanzjarja tal-UE;

— il-qafas finanzjarju għall-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013 alloka EUR 8 168 miljun għat-TENs, li EUR 8 013-il miljun minnhom marru għat-trasport (TEN-T) u EUR 155 miljun għall-enerġija (TEN-E).

**B.** Possibilitajiet ta' finanzjament addizzjonali

**1.** Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni tal-UE

Bejn l-2000 u l-2006, dawn il-fondi kkontribwew madwar EUR 26 biljun għall-proġetti TEN — b'mod partikolari permezz tal-Fond ta' Koeżjoni fil-Greċja, l-Irlanda (sal-2003), il-Portugall u Spanja u fl-Istati Membri li ssieħbu fl-2004. Għal dawn tal-aħħar ġew allokati EUR 2.48 biljun f'għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, kif ukoll EUR 4.24 biljun mill-Fond ta' Koeżjoni u EUR 2.53 biljun minn Fondi Strutturali oħra. Minn dan il-finanzjament aggregat ta' qabel l-adeżjoni u ta' koeżjoni, madwar 50 %, jew EUR 3.9 biljun, kienu allokati għall-proġetti TEN-T.

**2.** L-għajnuna tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Minħabba li s-self mill-BEI jingħata skont il-kriterji bankarji, li jinkludu l-fattibilità tal-proġett minn perspettiva finanzjarja (kapaċità ta' rimborż), teknika u ambjentali, ir-restrizzjonijiet territorjali ma japplikawx. Pereżempju, fid-deċennju bejn l-1995 u l-2005, il-BEI silef madwar EUR 65 biljun għall-proġetti TEN.

**C.** Il-qafas finanzjarju 2007-2013

Għall-perjodu finanzjarju ta' bejn l-2007 u l-2013, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Parlament, inizjalment ipproponiet EUR 20.35 biljun għall-qasam tat-TEN tat-Trasport u EUR 0.34 biljun għall-qasam tat-TEN tal-Enerġija. Madankollu, il-Kunsill insista fuq tnaqqis drastiku, u finalment il-qafas finanzjarju TEN ipprovda EUR 8.01 biljun fil-qasam tat-trasport u EUR 0.16-il biljun fil-qasam tal-enerġija (jiġifieri 40 % biss mill-ammont propost oriġinarjament għall-qasam tat-trasport u 45 % mill-ammont propost għall-enerġija). Minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi, ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 stipula li, sabiex jikkomplementaw is-sorsi nazzjonali (pubbliċi jew privati) ta' finanzjament, ir-riżorsi tal-UE għandhom jiġu ffokati fuq ċerti kategoriji ta' proġetti li jagħtu l-akbar valur miżjud għan-netwerks b'mod globali (bħas-sezzjonijiet transkonfinali u l-proġetti mmirati lejn it-tneħħija tal-punti ta' konġestjoni). Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni għat-TEN-T mill-programmi operazzjonali tal-politika ġenerali ta' koeżjoni adottat mill-Kummissjoni kienet ta' EUR 43 biljun.

## IL-FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA

Sa minn Diċembru 2013, ġiet stabbilita politika tal-infrastruttura għat-TEN ġdida, b'baġit ta' aktar minn EUR 30.4 biljun għall-perjodu sal-2020: il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għandha l-għan li tikseb sinerġiji fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija, b'hekk tittejjeb l-effikaċja tal-azzjoni tal-UE u tippermetti li jiġu ottimizzati l-ispejjeż tal-implimentazzjoni. Din timmira li taċċelera l-investiment fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej u li tikseb aktar fondi kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, filwaqt li żżid iċ-ċertezza tad-dritt u tirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.

**A.** L-objettivi ġenerali

Il-FNE għandha l-għan li:

— tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni li jfittxu li jiżviluppaw u jibnu infrastruttura u servizzi ġodda, jew li jtejbu l-infrastruttura u s-servizzi eżistenti, fis-setturi tat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija;

— tikkontribwixxi għall-appoġġ ta' proġetti b'valur miżjud Ewropew u benefiċċji sinifikanti għas-soċjetà u li ma jirċevux finanzjament adegwat mis-suq;

— tikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 billi tiżviluppa netwerks trans-Ewropej li jieħdu kont tal-flussi tat-traffiku mistennija fil-futur u toħloq ambjent li jiffaċilita l-investiment privat, pubbliku jew dak pubbliku-privat;

— tippermetti lill-UE tikseb il-miri tagħha għall-iżvilupp sostenibbli, b'hekk tikkontribwixxi għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tagħha kemm fuq terminu ta' żmien medju u wkoll aktar fit-tul.

**1.** Fis-settur tat-trasport, l-għajnuna se tkun limitata għall-proġetti ta' interess komuni mmirati lejn:

— it-tneħħija tal-punti ta' konġestjoni, il-bini tal-konnessjonijiet nieqsa u, b'mod partikolari, it-titjib tas-sezzjonijiet transkonfinali;

— l-iżgurar ta' sistemi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti fuq medda ta' żmien twil, bi tħejjija għall-flussi tat-trasport mistennija fil-futur, kif ukoll li jippermetti li l-mezzi kollha tat-trasport ikunu dekarbonizzati; kif ukoll

— li jiġu ottimizzati l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-mezzi tat-trasport u tittejjeb l-interoperabilità tas-servizzi tat-trasport, filwaqt li tiġi żgurata l-aċċessibilità tal-infrastrutturi tat-trasport.

**2.** Fis-settur tal-enerġija, din l-għajnuna għandha l-għan li:

— iżżid il-kompetittività permezz tat-trawwim ta' aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabilità bejn netwerks tal-elettriku u l-gass bejn il-fruntieri;

— issaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-UE; kif ukoll

— tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi tintegra l-enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-netwerk ta' trażmissjoni u tiżviluppa netwerks intelliġenti tal-enerġija u tad-diossidu tal-karbonju.

**3.** Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, il-FNE se tappoġġa:

— servizzi ġeneriċi, pjattaformi ta' servizzi prinċipali u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi li se jiġu ffinanzjati permezz ta' għotjiet u/jew akkwist;

— azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband li se jiġu ffinanzjati permezz ta' strumenti finanzjarji;

**B.** Il-baġit tal-FNE 2014-2020

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FNE għall-perjodu 2014-2020 inizjalment kien stabbilit għal EUR 33.2 biljun. Madankollu, fl-2015 dan l-ammont inizjali tnaqqas għal EUR 30.4 biljun bħala riżultat ta' trasferiment ta' EUR 2.8 biljun għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) li kien għadu kif inħoloq. Il-baġit tal-FNE hu mqassam kif ġej:

— is-settur tat-trasport: EUR 24.05 biljun, li minnhom EUR 11.3-il biljun ġew ittrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu, f'konformità mar-Regolament dwar il-FNE, esklużivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni;

— is-settur tat-telekomunikazzjoni: EUR 1.04 biljun;

— is-settur tal-enerġija: EUR 5.35 biljun.

Bejn 80 % u 85 % tal-baġit ġenerali tal-FNE se jkun allokat għal proġetti bbażati fuq programmi pluriennali (flimkien mal-kurituri tan-netwerk ewlieni u li jirriflettu prijoritajiet orizzontali), filwaqt li bejn 15 % u 20 % se jintuża biex jintlaħqu l-objettivi tal-programmi annwali (jiġifieri programmi fuq perjodu iqsar ta' żmien, bil-possibilità li jiġu aġġustati fuq bażi annwali).

Il-biċċa l-kbira tal-proġetti se jiġu kofinanzjati mill-FNE permezz ta' għotjiet allokati wara sejħiet kompetittivi għal proposti. Fl-istess ħin, mhux iktar minn 8.4 % tat-total tal-baġit tal-FNE jistgħu jintużaw għall-proġetti kofinanzjati permezz ta' strumenti finanzjarji innovattivi bħal garanziji u bonds tal-proġetti (l-Istrument tad-Dejn tal-FNE). Ġeneralment, l-istrumenti finanzjarji li jintużaw taħt il-FNE għandhom jindirizzaw ħtiġijiet tas-suq speċifiċi għal azzjonijiet li għandhom valur miżjud Ewropew ċar, u ma għandhomx jeskludu l-finanzjament privat. Huma għandhom itejbu l-effett ta' lieva li jħalli l-infiq tal-baġit tal-Unjoni u jiksbu effett multiplikatur fir-rigward tal-attrazzjoni ta' finanzjament mis-settur privat.

Fis-settur tat-trasport, il-biċċa l-kbira tal-baġit tal-FNE, jiġifieri EUR 22.5 biljun, għandu jitqassam lill-promoturi ta' proġetti permezz ta' għotjiet. Sa issa, il-Kummissjoni ħabbret ħames sejħiet għal proposti esklużivament fil-qasam tat-trasport u sejħa miftuħa waħda għall-azzjonijiet ta' sinerġija fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija. L-ewwel żewġ sejħiet imħabbra fl-2014 u fl-2015 kellhom l-akbar allokazzjonijiet (ta' EUR 11.93-il biljun u EUR 7.6 biljun, rispettivament). Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni rrapportat li l-valur totali tat-talbiet rikjesti mill-promoturi tal-proġetti qabżu l-ammont allokat.

### C. Il-Baġit għall-FNE 2021-2027

Fil-qafas tal-baġit tal-UE għall-2021-2027, fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet li l-programm FNE jiġi estiż lil hinn mill-2020 bil-għan ġenerali li jappoġġa l-investiment fin-netwerks Ewropej tal-infrastruttura fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Il-baġit totali propost għall-FNE jammonta għal EUR 42.3 biljun (fi prezzijiet attwali) u speċifikament jalloka EUR 30.6 biljun għat-trasport, EUR 8.7 biljun għall-enerġija u EUR 3 biljun għan-netwerks diġitali. Is-sinerġiji bejn it-tliet setturi u l-kooperazzjoni transkonfinali msaħħa fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli huma fost l-oqsma ewlenin li għandhom jiġu mmirati mill-FNE ta' wara l-2020 biex jiġu aċċelerati d-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tiddedika 60 % tal-baġit totali tal-FNE għall-objettivi tal-klima.

Fit-trasport, il-FNE għandha l-għan li taċċelera t-tlestija taż-żewġ saffi tat-TEN-T, il-varar tas-sistemi Ewropej ta' ġestjoni tat-traffiku, bħas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) u l-proġett tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), u li tappoġġja t-tranżizzjoni lejn mobilità intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura, billi tintroduċi netwerk Ewropew ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-fjuwils alternattivi. Il-proposta tipprevedi li l-FNE l-ġdida tappoġġa

wkoll l-infrastruttura tat-trasport b'użu duwali ċivili/militari biex tadatta n-networks tat-trasport tal-Ewropa għar-rekwiżiti militari u ttejjeb il-mobilità militari fl-UE.

Il-baġit propost għat-trasport tal-FNE għandu jikkonsisti fi tliet komponenti:

— pakkett ġenerali ta' EUR 12.8-il biljun;
— kontribuzzjoni ta' EUR 11.3-il biljun mill-Fond ta' Koeżjoni;
— EUR 6.5 biljun f'appoġġ għall-mobilità militari.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Bħala appoġġ għat-TENs, il-Parlament b'mod konsistenti appella biex aktar mezzi tat-trasport li huma favur l-ambjent jingħataw prijorità f'termini ta' finanzjament, għalhekk alloka aktar minn 50 % tal-finanzjament għall-infrastruttura lill-proġetti ferrovjarji (inkluż it-trasport kombinat) u stabbilixxa massimu li ma jaqbiżx il-25 % għall-proġetti tat-toroq. Barra minn hekk, il-Parlament b'mod konsistenti enfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tiżgura l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-proġetti ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet li ġejjin mill-baġit tal-UE, mill-BEI, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew minn strumenti finanazjarji oħra tal-UE.

Wara li l-Kunsill, fi tmiem l-2005, qabel li jnaqqas b'mod sostanzjali l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-Parlament waqt negozjati sussegwenti dwar l-aspetti finanzjarji tal-proposta talab li l-ammont allokat għat-TENs jiżdied. Fil-ftehim finali mal-Kunsill, il-Parlament kiseb żieda ta' EUR 500 miljun, kif ukoll finanzjament supplimentari mill-BEI, għall-bini tat-TENs.

Fis-7 ta' Ġunju 2011, bħala parti mir-reviżjoni tar-regoli tat-tassazzjoni tat-trasport bit-triq (id-Direttiva "Eurovignette"), il-Parlament approva l-kompromess mal-Kunsill li jipprevedi li mill-inqas 15 % tad-dħul mit-tariffi għall-ispejjeż esterni u tal-imposti tal-infrastruttura ta' kull Stat Membru jintużaw biex jiffinanzjaw il-proġetti TEN-T sabiex tittejjeb is-sostenibilità tat-trasport. Dan il-perċentwal huwa mistenni jiżdied b'mod gradwali maż-żmien.

Bl-involviment tiegħu fit-tfassil tar-Regolament tal-FNE (sforz kollaborattiv minn tliet rapporteurs, żewġ kumitati parlamentari u l-gruppi politiċi kollha), il-Parlament ħa rwol importanti fl-iżgurar ta' ammont kbir ta' fondi mill-UE għat-TENs għall-perjodu 2014-2020.

Meta jieħu deċiżjonijiet dwar il-baġits annwali tal-UE, il-Parlament ħaseb għall-approprjazzjonijiet allokati kemm lill-FNE kif ukoll lill-Orizzont 2020. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2015 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016, il-Parlament laqa' il-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji biex ikopri parti min-nefqa meħtieġa għall-finanzjament ta' EUR 8 biljun tal-Fond ta' Garanzija FEIS, minflok ma jiddependi biss fuq it-tnaqqis tal-FNE u tal-Orizzont 2020. Madankollu, il-Parlament fakkar l-għan aħħari tiegħu li jimminimizza, kemm jista' jkun, l-impatt fuq iż-żewġ programmi. Għaldaqstant, huwa insista fuq kumpens ulterjuri ta' tnaqqis lill-Orizzont 2020 u l-FNE b'mod li dawk il-programmi jitħallew iwettqu kompletament l-objettivi tagħhom.

Barra minn hekk, fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2017, il-Parlament tenna l-impenn tiegħu li jsaħħaħ l-Orizzont 2020 u l-FNE permezz tal-proċedura baġitarja annwali, sabiex jikkumpensa kemm jista' jkun għat-tnaqqis tal-FNE maqbul fin-negozjati dwar il-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Bi tweġiba għall-proposta tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-FNE wara l-2020, il-Kumitati għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) u għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) ħejjew abbozz ta' rapport konġunt. It-tliet rapporteurs qablu li l-proposta tal-Kummissjoni kienet nieqsa mill-ambizzjoni f'termini tal-allokazzjoni tal-FNE għat-trasport u enfasizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment tas-settur, minbarra l-benefiċċji li l-konnettività mtejba tista' twassal għall-UE. Fost punti oħrajn, huma enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati aktar ir-regoli dwar il-FNE u l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza bejn id-diversi fondi tal-UE li jappoġġjaw proġetti fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u dawk diġitali. Ir-rapporteurs ġibdu l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jissaħħaħ l-iskrutinju parlamentari tal-prijoritajiet tal-FNE u li jittejjeb il-mod ta' kif dan jiġi mmonitorjat.

F'Novembru 2018 żewġ kumitati adottaw ir-rapport konġunt li inkluda żieda ta' madwar 10 % fil-baġit allokat lill-proġetti tat-trasport. Il-Parlament adotta d-deċiżjoni fl-ewwel qari f'April 2019 u l-proċess ta' kodeċiżjoni għadu għaddej (2018/0228(COD)).

Esteban Coito / Frédéric Gouardères
04/2019